MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 208/2004

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alexander Azzopardi u Robert Sultana talli nhar l-24 ta' Marzu ghall-habta tal-5.20 p.m. gewwa Triq Dragonara, Paceville, San Giljan:

1) Attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti u cioe` fuq il-persuna tal-Assistent Kummissarju Josie Brincat;

2) U aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, ingurjaw jew heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew

bil-hsieb li jinfluwixxu jew ibezzghu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe` fuq il-persuni tal-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Josie Brincat, il-Kuntistabbli 670 W. Sheldon u l-Kuntistabbli 264 Robert Spiteri;

3) U aktar talli kkagunaw griehi hfief fuq l-istess persuna tal-Assistent Kummissarju Josie Brincat skond kif iccertifika Dr. Fernando Pisani M.D. tal-Isptar San Luqa;

4) U aktar talli ma obdewx l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulizija taht l-istess lok u cirkostanzi mill-istess Assistent Kummissarju Josie Brincat;

5) U aktar talli taht l-istess hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kisru il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

Lil Robert Sultana wahdu talli nhar l-24 ta’ Marzu 2002 ghall-habta tas-6.00 p.m. gewwa l-ghassa tal-pulizija ta’ San Giljan:

1) Qal kliem fahxi li jikkonsisti f’dagha gewwa post pubbliku;

2) U aktar talli fl-istess data u hin gewwa l-Pjazza Qalb ta’ Gesu` San Giljan saq vettura nru. ABJ239 tal-ghamla Toyota b’manjiera traskurata, perikoluza u negligenti;

3) U aktar talli saq l-istess vettura fl-istess hin u lok bi speed eccessiv;

4) U aktar talli taht l-istess lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezza' fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz, u cioe` fuq il-persuni tas-Surgent 1492 J. Pace u l-Kuntistabbli 1575 Robert Fava;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Ottubru 2004 li, wara li

ma sabitx lill-appellant (allura imputat) Robert Sultana hati ta' l-ewwel imputazzjoni u tat-tieni imputazzjoni fil-konfront ta' P.C. 670 Walter Sheldon u P.C. 264 Robert Spiteri u minnhom illiberatu izda sabitu hati tat-tieni imputazzjoni fil-konfront ta' l-Assistent Kummissarju Josie Brincat bl-assorbiment tat-tielet, tar-raba' u tal-hames imputazzjonijiet fit-tieni imputazzjoni; u wara li ma sabitux hati wkoll tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u tar-raba' imputazzjoni fil-konfront ta' P.S. 1492 Joseph Pace dedotti kontra tieghu biss u minnhom illiberatu izda sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u tar-raba' imputazzjoni fil-konfront ta' P.C. 1575 Robert Fava dedotti kontra tieghu biss, ikkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' xahar u ghall-hlas ta' *ammenda* ta' hames liri Maltin (Lm5);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' Robert Sultana pprezentat fid-19 ta’ Ottubru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, fis-sens illi tikkonfermaha fejn l-ewwel Qorti lliberat lill-appellant u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati u tiddikjarah mhux hati skond il-ligi u, fin-nuqqas, jekk din il-Qorti tikkonferma l-htija fl-appellant, tvarja l-piena billi ma taghtix piena karcerarja fic-cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant ghandu diversi aggravji li sejrin jigu kkunsidrati *seriatim*:

1. L-ewwel aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellant Robert Sultana wahdu, cioe` ksur ta' l-artikolu 342 tal-Kap. 9. L-appellant isostni li din l-imputazzjoni qatt ma giet ippruvata u li dak li xehed P.C. 1575 Robert Fava kien jirrigwarda diskors li qal Alexander Azzopardi u mhux li qal l-appellant Sultana. Ghalhekk l-ewwel Qorti erronejament attribwiet tali diskors lill-appellant. Jista' mill-ewwel jinghad li l-appellant ghandu ragun.

Permezz ta' din l-imputazzjoni l-appellant gie akkuzat li qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan. Ix-xiehda rilevanti hi dik ta' P.S. 1492 Joseph Pace u ta' P.C. 1575 Robert Fava. P.S. Pace xehed li meta Alexander Azzopardi kien qieghed go l-ghassa ntqal xi kliem hazin u xi theddid fil-konfront ta' P.C. 1575 u huwa kif dahal waqqfu milli jkompli jghid dak id-diskors. P.C. 1575 xehed li "wara li lil Robert Sultana hadtlu l-particulars u rega' telaq, kellimt lil Alexander biex jghidli x'gara, qalli: 'Ma rrid nghidlek xejn'. Beda jidghi bil-Madonna, issa inpattihielkom, din mhux ha tieqaf hawn, u dak il-hin dahal is-Surgent Joe." Minn din ix-xiehda huwa evidenti li dawn iz-zewg membri tal-korp tal-Pulizija kienu qeghdin jirreferu ghal diskors li ntqal minn Alexander Azzopardi u <u>mhux</u> minn Robert Sultana.

Konsegwentement l-ewwel aggravju huwa milqugh.

2. It-tieni aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija tar-raba' imputazzjoni dedotta kontra l-appellant wahdu in kwantu nstab hati ghal ksur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 95 tal-Kap. 9 fil-konfront ta' P.C. 1575 Robert Fava. Hawn ukoll l-appellant ghandu ragun. It-theddid li xehed dwaru P.C. Fava gie min-naha ta' Alexander Azzopardi u mhux mill-appellant. Imkien mix-xiehda ta' P.C. Fava ma jirrizulta li dan allega li l-appellant Robert Sultana b'xi mod ingurjah, heddu jew ghamel offiza fuq il-persuna tieghu kif provdut fl-imsemmi artikolu 95 tal-Kap. 9.

Konsegwentement anke dan it-tieni aggravju huwa milqugh.

3. Permezz tat-tielet aggravju l-appellant jghid li huwa nstab hati f'paragrafu 10 tas-sentenza appellata taht l-artikolu 96 tal-Kap. 9 talli hedded lil P.C. 1575 Robert Fava. Jghid li huwa ma giex akkuzat bi ksur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 96 tal-Kap. 9 fil-konfront ta' P.C. 1575 Robert Fava u ghalhekk ma setax jinsab hati taht l-imsemmi artikolu.

Bhalma qal l-appellant, huwa veru li fil-paragrafu 10 tas-sentenza appellata jinghad testwalment: "Bl-istess mod Sultana hu hati tar-reat taht l-artikolu 96 billi hedded lill-Kuntistabbli 1575 Robert Fava". Izda din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li dan ma huwa xejn hlief *lapsus calami*. Difatti fil-paragrafu 11 tas-sentenza appellata l-ewwel Qorti elenkat ta' x'hiex kienet qed issib lill-imputati hatja - u mkien ma hemm imsemmi l-artikolu 96, anzi kienet specifika hafna li kienet qed issib lill-appellant Robert Sultana "hati fil-konfront ta' P.C. 1575 tar-reat taht l-art. 95 tal-Kapitlu 9" - u fil-paragrafu 13 meta giet biex tinfliggi l-piena, regghet semmiet l-artikolu 95(1).

Ghalhekk din il-Qorti tidisponi minn dan l-aggravju billi tiddikjara li r-referenza ghall-artikolu 96 tal-Kap. 9 fil-paragrafu 10 tas-sentenza appellata kienet biss *lapsus calami* u trid tiftiehem bhala referenza ghall-artikolu 95 tal-Kap. 9.

4. Ir-raba' aggravju jirrigwarda t-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellant flimkien ma' l-imputat Alexander Azzopardi, u specifikatament is-sejbien ta' htija skond l-artikolu 95 tal-Kap. 9 fil-konfront ta' l-Assistent Kummissarju Josie Brincat. L-appellant jghid li huwa ma setax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni peress illi l-involviment tieghu kien biss li ssuggerixxa li tingieb pulizija mara u xejn izjed; b'daqshekk la ingurja, la hedded u lanqas ghamel offiza fuq l-Assistent Kummissarju. L-appellant isostni li minbarra li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti ghamlet ukoll apprezzament hazin tal-ligi u jirreferi ghall-elementi rikjesti biex jissussisti d-delitt ta' oltragg.

L-appellant ma nstabx hati taht l-artikolu 95 tal-Kap. 9 minhabba xi kliem li seta' qal, la kliem ingurjuz u lanqas kliem ta' theddid, izda ta' l-offizi li garrab l-Assistent Kummissarju Josie Brincat. U dan johrog car mill-paragrafu 6 tas-sentenza appellata. Ghalhekk dan l-aggravju huwa infondat.

5. Il-hames aggravju jirreferi ghall-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant li flimkien ma' l-imputat Azzopardi

kkagunaw griehi hfief fuq il-persuna ta' l-Assistent Kummissarju Josie Brincat. Huwa jelenka diversi fatturi li kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti biex tiddeciedi li l-appellant ma kienx hati li kkaguna l-offizi msemmija: (1) ix-xiehda ta' Alexander Azzopardi, ta' Mandy Mifsud u ta' Tracy Mifsud fis-sens li ma rawx lill-appellant imiss lill-Assistent Kummissarju, (2) il-konflitt fix-xiehda tax-xhieda tal-prosekuzzjoni, (3) il-fatt li l-appellant jghid li kien liebes *safety shoes* bil-hadida quddiem u li daqqa ta' sieq kienet ghalhekk thalli tbengil u mhux brix, (4) il-fatt li l-Pulizija ma arrestatx lill-appellant bhalma ghamlet lil Azzopardi, (5) il-komportament ta' l-appellant wara l-incident.

Tajjeb hawn li wiehed ifakkar li huwu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Hekk ghamlet din il-Qorti fir-rigward ta' l-ewwel zewg aggravji biex sabet li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' reita` dwar l-imputazzjonijiet hemm trattati. Kwantu ghal dan ir-raba' aggravju, din il-Qorti ezaminat ukoll b'mod approfondit il-provi kollha migbura, u minn dan l-ezami li ghamlet hija soddisfatta li kien hemm provi bizzejjed biex, jekk emmnuti, jiggustifikaw il-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti. Fi kliem iehor, il-kaz mhuwiex wiehed fejn ikun azzardat legalment, u kontra kull principju legali, li wiehed jasal ghall-konkluzjoni ta' rejita`, imma huwa kaz fejn l-appellant jista' ma jitwemminx f'dak li qal, u l-ewwel Qorti li kellha l-opportunita` wkoll li tisma' x-xhieda *viva voce* u ghalhekk setghet tqis "l-imgieba, kondotta u karattru" tax-xhieda[2] setghet legittimament u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet fuq il-provi dwar it-tieni imputazzjoni.

Huwa minnu li hemm ic-cahda ta' l-appellant li ta bis-sieq lill-Assistent Kummissarju kif ukoll hemm ix-xiehda ta' Mandy Mifsud u Tracy Mifsud li jinnegaw li raw lill-appellant jaghti xi daqqiet. Mill-banda l-ohra pero` hemm ix-xiehda ta' l-Assistent Kummissarju Josie Brincat li xehed li meta kien ma' l-art l-appellant tah bis-sieq, kif ukoll ix-xiehda ta' P.C. 670 Walter Sheldon u ta' P.C. 264 Robert Pisani li t-tnejn jghidu li raw lill-appellant jaghti bis-sieq lill-Assistent Kummissarju. L-inkonsistenza f'dak li qalu x-xhieda tal-prosekuzzjoni dwar kemm-il daqqa setghet inghatat u dwar fejn intlaqat l-Assistent Kummissarju huma biss inkonsistenzi apparenti peress illi fil-konfuzjoni li nqalghet fil-hin ta' l-incident zgur hadd ma qaghad jghodd id-daqqiet u jkejjel fejn intlaqat. Li l-Assistent Kummissarju garrab xi offizi ta' natura hafifa jirrizulta mic-certifikati medici esibiti (Dok. JB1 u Dok. JB2) u x-xiehda tat-Tabib Dr. Fernando Pisani u tat-Tabib Dr. Karl Causon. Dr. Pisani xehed li dawn l-offizi jistghu jigu meta tiltaqa' ma' xi haga iebsa bhall-art jew hajt. Xi offiza minnhom ghalhekk setghet facilment giet ikkawzata miz-zarbuna "iebsa" ta' l-appellant. Huwa minnu wkoll li l-Pulizija ma arrestatx lill-appellant bhalma ghamlet lil

---

[2] Artikolu 637 tal-Kap. 9.

Azzopardi fil-hin proprju ta' l-incident. Izda skond l-appellant stess huwa ma baqax fil-post ta' l-incident peress illi skond hu kien hemm *bodyguard* li "tellghu 'l fuq". Huwa minnu wkoll li P.C. 1575 xehed li cempillu l-Assistent Kummissarju u qallu li l-Pulizija ta' Paceville sejra tinzel l-ghassa b'wiehed biex izommu hdejh, izda l-istess P.C. 1575 xehed ukoll li meta l-Assistent Kummissarju nizel l-ghassa, qallu <u>li kien hemm xi hadd iehor</u> u x-xhud wiegbu li diga` kellu l-*particulars* ta' dik il-persuna, cioe` ta' l-appellant. Kwantu ghall-komportament ta' l-appellant, dan jista jigi interpretat kemm kif isostni hu kif ukoll bhala dak ta' persuna li kienet koncernata biss dwar dak li sar minn siehbu.

Ghalhekk dan l-aggravju huwa michud ukoll.

6. L-appellant isostni wkoll li l-ewwel Qorti erronejament sabitu hati ta' l-imputazzjoni dwar ksur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 peress illi huwa qatt ma nghata ordnijiet mill-Pulizija. L-Assistent Kummissarju nnifsu ma xehedx li ta xi ordnijiet lill-appellant li dan ma obdiex.

L-appellant ghandu ragun. Minn imkien ma jirrizulta li nghataw xi ordnijiet specifici lill-appellant. Mix-xiehda ta' l-Assistent Kummissarju Josie Brincat stess jirrizulta illi huwa ta ordni lil Alexander Azzopardi biex ihallieh jaghmel xoghlu filwaqt li lill-appellant ma indirizzahx. Ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi milqugh.

7. L-appellant jghid li lanqas ma jmissu nstab hati ta' l-imputazzjoni dwar ksur ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 peress illi jekk qamet xi agha waqt dan l-incident ma giex pruvat illi nqalghet xi tip ta' kommozjoni fost il-pubbliku. U anke jekk inqalghet xi tip ta' kommozjoni, l-appellant kien estraneju ghal dan u ma kienx partecipi.

Din il-Qorti ma taqbilx. Tirreferi ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Spiteri** deciz fl-24 ta' Mejju 1996:

**"… din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Naturalment dawn ic-cirkostanzi jridu jkunu tali li oggettivament inisslu l-imsemmi inkwiet jew thassib."** [3]

Dan il-bran appena citat isib applikazzjoni shiha fil-kaz in dizamina in vista tal-partecipazzjoni, imqar minima, ta' l-appellant fil-konfrontazzjoni ma' l-Assistent Kummissarju Brincat. Ghalhekk dan l-aggravju huwa michud.

8. L-ewwel Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deciza fit-30 ta' Lulju 2004. L-appellant jghid li f'dik il-kawza l-offizi kienu ta' natura gravi u mhux ta' natura hafifa bhal fil-kaz in dizamina. Inoltre f'dik is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell ghamlet distinzjoni bejn min beda l-glieda u min le.

Kull ma qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata kien li kienet qed tirreferi ghas-sentenza msemmija "sa fejn applikabbli". Jigifieri hija kienet konxja mill-fatt li hemm si trattava ta' offizi ta' natura gravi. Dak li huwa certament rilevanti fis-sentenza msemmija huwa l-bran segwenti:

**"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkazjoni diversi drabi li tfisser li, bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li**

[3] Ara wkoll Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Paul Busuttil**, 23 ta' Gunju 1994 (Vol. LXXVIII.v.277).

**timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika. Mill-banda l-ohra, meta l-ligi taghti latitudini wiesa' fil-piena, il-Qorti ghandha wkoll tibbilancja l-esigenzi tas-socjeta` mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz."**

Dak li ppruvat taghmel l-ewwel Qorti kien effettivament li tipprova tohloq dan il-bilanc.

9. Fl-ahhar aggravju tieghu l-appellant jilmenta mis-severita` tal-piena. Jghid li mhuwiex persuna xellerata u ta' disposizzjoni hazina. L-incident in kwistjoni ma giex inizjat minnu u l-involviment tieghu kien wiehed minimu. Huwa ddispjacieh ta' l-akkadut dakinhar stess ta' l-incident. Minn dakinhar ma kien involut fl-ebda kaz iehor, la mal-Pulizija u lanqas ma' terzi. Ghandu impjieg fiss, qed jistenna li jsir missier u diga` qatta' perijodu taht arrest preventiv. Ghalhekk l-appellant jissottometti li piena karcerarja mhijiex indikata peress illi ma jistax jinghad li huwa ta' perikolu ghas-socjeta`.

Minn ezami li din il-Qorti ghamlet tal-provi jidher li kien hemm reazzjoni ftit esagerata ghal rikjesta semplici li kien ghamel l-Assistent Kummissarju Brincat. Huwa veru li wara li talab il-karta ta' l-identita` lil Mandy Mifsud u din wegbitu li ma kellhiex, seta' saqsiha l-eta` taghha (bhalma del resto ghamel wara li nqala' l-incident kollu) minghajr ma kellu ghalfejn joqghod jitlobha tmur mieghu jew tohrog barra. Mill-banda l-ohra huwa kien qieghed jaghmel id-dover tieghu u r-reazzjoni ta' l-appellant u ta' siehbu ma kenitx mistennija. Pero` jrid jitqies li l-appellant diga` ghamel perijodu ta' ghaxart ijiem taht arrest preventiv (minn meta tressaq taht arrest sakemm inghata l-helsien mill-arrest fl-4 ta' April 2002). Din ic-cirkostanza kif ukoll ic-cirkostanzi kollha li fihom sehh l-incident u li d-difensur ta' l-appellat stess iddikjara waqt it-trattazzjoni ta' l-appell li ma kienx incident daqshekk spavald li ma kellux ikun hemm temperament fil-piena, iwasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li l-piena ghandha fil-fatt tkun wahda aktar bilancjata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell in parti u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt li (1) tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni fil-konfront ta' l-Assistent Kummissarju Josie Brincat, tat-tielet imputazzjoni u tal-hames imputazzjoni bl-assorbiment tat-tielet u l-hames imputazzjonijiet fit-tieni imputazzjoni, u (2) tikkonfermaha ukoll in kwantu sabitu mhux hati ta' l-ewwel imputazzjoni, tat-tieni imputazzjoni fil-konfront ta' P.C. 670 Walter Sheldon u P.C. 264 Robert Spiteri, tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu biss dwar sewqan b'manjera traskurata, perikoluza u negligenti, tat-tielet imputazzjoni dedotta kontra tieghu biss dwar sewqan bi speed eccessiv, u tar-raba' imputazzjoni dedotta kontra tieghu biss dwar ksur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 95 tal-Kap. 9 fil-konfront ta' P.S. 1492 Joseph Pace, (3) tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tar-raba' imputazzjoni dwar ksur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9, ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu biss dwar ksur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 342 tal-Kap. 9, u tar-raba' imputazzjoni dedotta kontra tieghu biss dwar ksur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 95 tal-Kap. 9 fil-konfront ta' P.C. 1575 Robert Fava, u minflok tiddikjarah mhux hati ukoll ta' dawn l-imputazzjonjiet u minnhom tilliberah, (4) tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal perijodu ta' xahar u ghall-hlas ta' *ammenda* ta' hames liri (Lm5) u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' xahar b'dan illi, a tenur ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 din is-sentenza m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' sena millum, l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------